

## IL-QORTI ĠENERALI

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Lulju 2020 – Solar Ileias Bompaina vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-143/19) <sup>(1)</sup>

*(“Rikors għal annullament – Għajjnuna mill-Istat – Operaturi tas-suq tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli – Ftehimiet ta' xiri ta' elettriku – Emendi leġiżlattivi b'effett retroattiv li jikkonsistu f'limitazzjoni tal-vantaġġi tariffarji – Ilment quddiem il-Kummissjoni li jallega l-eżistenza ta' għajjnuna favur fornituri ta' enerġija – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna kompatibbli mas-suq intern – Kwalità ta' persuna kkonċernata – Salvagwardja tad-drittijiet proċedurali – Inammissibbiltà”)*

(2020/C 348/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Solar Ileias Bompaina AE (Athènes, il-Greċja) (rappreżentanti: A. Metaxas u A. Bartosch, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K.-P. Wojcik u K. Herrmann, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, essenzjalment, għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 6777 final tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.38967 (2014/NN-2) – Il-Greċja – Skema nazzjonali ta' għajjnuna għall-funzjonament favur l-installazzjonijiet li jużaw is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ta' produzzjoni kkombinata ta' sħana u ta' elettriku b'rendiment għoli.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Solar Ileias Bompaina AE għandha tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 148, 29.4.2019.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Lulju 2020 – Klein vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-562/19) <sup>(1)</sup>

*(“Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni – Apparati mediċi – Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva 93/42/KEE – Proċedura ta' klawżola tas-sigurtà – Notifika minn Stat Membru ta' deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' apparat mediku – Assenza ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni – Terminu għall-preżentata ta' rikors – Inammissibbiltà”)*

(2020/C 348/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrent: Christoph Klein (Großgmain, l-Awstrija) (rappreżentant: H.-J. Ahlt, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. C. Becker, F. Thiran u G. von Rintelen, aġenti)